**153. L-Onor. Wenzu Mintoff jipproponi:**

"Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti tikkundanna bil-qawwa kollha l-gvern ripressiv u dittatorjali taċ-Ċina għall-massakru brutali ta' dan l-aħħar fejn ġew assassinati eluf ta' ħaddiema u studenti Ċiniżi li kienu qed jipprotestaw b'mezzi paċifiċi kontra l-korruzzjoni u n-nuqqas ta' demokrazija ta' pajjiżhom.

Din il-Kamra tistieden il-Gvern ta' Malta biex juri t-tħassib serju u l-għadab tal-poplu ta' Malta għall-Gvern Ċiniż għan-nuqqas ta' rispett lejn il-ħajja, id-drittijiet bażiċi u r-rieda ċara taċ-ċittadini taċ-Ċina."

09.06.1989

**L-Onor. Wenzu Mintoff ressaq din l-Emenda -**

“Din il-Kamra filwaqt li tikkundanna lill-Gvern Ciniż għall-esekuzzjoni ta' studenti u ħaddiema li ħadu sehem fid-dimostrazzjonijiet ta' Pjazza Tiennamen, tappella lill-Gvern Ċiniż biex jieqaf mill-esekuzzjonijiet ta' aktar studenti u ħaddiema.

**Peress li ħadd mill-Kamra ma ssekonda din l- emenda, allura s-Sedja ma setgħetx taċċetta l-emenda li ġiet proposta.**

**L-Onor. Michael Frendo ressaq din l-Emenda “A”:**

"Ħassru l-kliem kollu wara l-kliem "tikkundanna bil- qawwa kollha" u daħħal floku dan li ġej:

"l-azzjoni tal-Gvern tar- Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li wasslet għal massakru ta' mijiet ta' studenti u ħaddiema li b'mod paċifiku, għal ġranet sħaħ, ħadu sehem f'dimostrazzjonijiet li bihom riedu jaslu għal djalogu mal-Gvern għal aktar demokrazija fil- pajjiż u għal riformi oħra.

Tqis aġir ripressiv bħal dan bħala li jikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja, liema drittijiet ma għandhomx fruntieri.

Tappella lill-Gvern tar- Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex jieqaf mill-eżekuzzjonijiet ta' studenti u ħaddiema li ħadu sehem fl-istess dimostrazzjonijiet.

Tinnota li l-Gvern Malti diġa' l-għada li beda l-attakk militari fuq l- istudenti u l-ħaddiema, kien sejjaħ lill- Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'Malta u miegħu wera t-tħassib tal-Gvern Malti għall- azzjoni li kienet qed tittieħed kontra l- istudenti u l-ħaddiema.

Tawgura li l-poplu Ċiniż isib il-mod kif ikompli d-djalogu għal riformi li jixtieq biex il-poplu Ċiniż u l-Gvern tiegħu ikomplu jagħtu sehem siewi għall-paċi fid-dinja.

Titlob lill-iSpeaker tal- Kamra biex permezz tal- Ministru tal-Affarijiet Barranin igħaddi kopja ta' din ir-Riżoluzzjoni lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.".

**L-emenda għaddiet nem. con.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet nem. con fis-Seduta 251 tas-27 ta’ Ġunju 1989.**